MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 672/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs**

**Ian Paul Galea**
**(K.I. Numru 361577 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat it-12 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu in sintesi, gie espost is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimat fuq indikat u dan, skont il-kuntratt tal-21 ta' Lulju, 2003, in atti tan-Nutar Dottor John Spiteri;
2. Illi in vista tal-istess, l-imsemmija socjeta` rikorrenti hi kreditrici fis-somma bilancjali ta' mija u disgha

u tletin elf, hames mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tlieta u sittin centezmu, (€139,527.63), mill-istess debitur intimat fuq indikat, flimkien mal-imghax dovut mill-20 ta’ Mejju, 2010, sad-data tal-pagament effettiv;

3. Illi l-intimat Galea:

i. naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti;

ii. kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti;

iii. inbidlulu c-cirkostanzi materjali u ghalhekk qed jipperikola l-possibilita` tar-rifuzjoni tal-imsemmi debitu kif pattwit;

4. Illi nonostante li l-intimat kien gie debitament interpellat skont il-ligi biex jespleta l-obbligi tieghu pattwiti, baqa` inadempjenti;

5. Illi konsegwentement l-istess socjeta` rikorrenti fuq indikata aderiet din il-Qorti u talbitha s-segwenti:

i. Illi tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mic-cirkostanzi ndikati fil-kuntratt fuq riferit, partikolarment:

a. Illi l-intimat Galea naqas milli jhallas lis-socjeta` rikorrenti kif pattwit;

b. Illi l-istess intimat Galea kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-imsemmi kuntratt;

c. Illi sehhew bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-intimat Galea liema bidliet jipperikolaw ir-refuzjoni tad-debitu minnu assunt;

6. Illi tikkundanna lill-istess intimat Galea biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. is-

somma ta’ mija u disgha u tletin elf, hames mija u sebgha u ghoxrin Ewro, u tlieta u sittin centezmu, (€139,527.63), bilanc ghad-debitu naxxenti mill-kuntratt fuq indikat, flimkien mal-imghax ulterjuri relattiv mill-20 ta’ Mejju, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;

7. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata t-13 t’April, 2011, u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-intimat Ian Paul Galea datata t-28 ta’ Lulju, 2011, li permezz taghha ghazel li jammetti t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti fil-konfront tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-istess nota t’ammissjoni m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li tilqa’ t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement, a skans ta’ dilungar inutili, filwaqt li taghmel referenza diretta ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotur taghha u kif sintetikament esposti aktar ‘il fuq:

1. Tiddikjara li l-intimat Ian Paul Galea ma espletax l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt datat il-21 ta’ Lulju, 2003, in atti tan-Nutar Dottor John Spiteri;

2. Tillikwida l-ammont dovut mill-intimat Ian Paul Galea lis-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. fis-somma ta’ mija u disgha u tletin elf, hames mija u sebgha u ghoxrin Ewro u sitta u tletin centezmu, (€139,527.63);

3. Bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fl-imsemmi rikors promotur kontra l-istess intimat Ian Paul Galea fuq gia` indikat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------